MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2010

Appell Civili Numru. 265/1991/2

**Alfred Mangion, Wilfred Mallia, Jean-Pierre Azzopardi, Martin Bonnici, Paul Bonello, Marie mart il-Prokuratur Legali Edgar Montanaro u l-istess P.L. Edgar Montanaro bhala amministratur tal-komunjoni tal-akkwisti**

**v.**

**Dr. Riccardo Farrugia bhala Chairman u in rapprezentanza tal-Mid-Med Bank Limited; u Robert Scott f'ismu proprju u bhala ex-Chairman tat-Trustees tal-Mid-Med Staff Pension Association; u b'nota tal-20 ta' Mejju 1991 l-Avukat Henry Mamo assuma l-atti tal-**

**kawza minflok l-Avukat Riccardo Farrugia f'isem Mid-Med Bank Limited; u b'rizoluzzjoni mehuda f'laqgha straordinarja tal-azzjonisti tas-socjeta` Mid-Med Bank p.l.c l-isem tas-socjeta` nbidel ghal HSBC Bank Malta p.l.c**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1.1 Din hija sentenza dwar rikors b'talba ghal fini ta' ritrattazzjoni, ad istanza tal-atturi ritrattandi f'isimhom proprju u/jew fil-kwalita` taghhom premessa, minn decizjoni moghtija kontra taghhom mill-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet premessi in data tat-18 ta' Settembru 2009, u li fiha dik il-Qorti kienet finalment iddecidiet hekk:

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-appellanti billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellanti *in solidum* bejniethom."

1.2 Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, is-sentenza li taghha qeghda tintalab li ssir ir-ritrattazzjoni, qeghda tigi hawn taht riportata fl-intier taghha kif gej:

"**Il-Qorti:**

"Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-atturi fis-6 ta' Marzu 1991 li tghid hekk:

""Billi l-atturi kienu lkoll impjegati mal-Bank konvenut f'xi perjodu bejn l-1 ta' Ottubru 1975 u l-15 ta' Jannar 1979 izda rtiraw mill-Bank f'dati differenti, f'dak il-perjodu jew wara;

"Billi l-impjegati kienu eligibbli ghal pensjoni msejjha "Mid-Med Staff Pension" li l-fondi taghha kienu amministrati mill-Mid-Med Staff Pension Association;

"Billi wara l-introduzzjoni tal-pensjoni taz-zewg terzi fil-15 ta' Jannar 1979, il-Bank ittermina l-imsemmi Pension Fund.

"Billi l-pension Fund gie likwidat mill-Bank;

"Billi l-fondi tal-Pension Fund gew mghoddija illegalment lill-Bank konvenut mit-Trustees tal-Mid-Med Staff Pension Association – haga li giet deskritta fir-Report & Accounts 1989 tal-Bank bhala "*write-back of the balance on the Bank's pension fund on final liquidation of the scheme.*";
"Billi l-kontribuzzjonijiet ghall-imsemmi Pension Fund maghmula mill-Bank konvenut jikkostitwixxu *deferred pay* u jappartjenu esklussivament lil min kien impjegat fid-dati meta saru l-kontribuzzjonijiet relattivi mill-Bank, fl-interess ta' l-istess impjegati;

"Billi permezz ta' Protest ipprezentat fit-30 ta' Dicembru 1987, jigifieri qabel ma gie xjolt l-imsemmi Pension Fund, il-konvenut Robert Scott kien gie interpellat personalment bhala fiducjarju biex jiddezisti milli jaghmel pagamenti mill-fondi tal-Mid-Med Pension Fund li jippregudikaw id-drittijiet ta' l-atturi u gie mqieghed *in dolo*, *culpa* u *mora* ghall-finijiet tal-ligi, u ghalhekk irrenda ruhu responsabbli personalment "in solidum" mal-Bank konvenut ghall-hlas tal-kreditu dovut lill-atturi mill-Bank konvenut;

"Jghidu l-konvenuti ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti m'ghandhiex-

"1) tiddikjara illi kull wiehed mill-atturi huwa kreditur tal-konvenuti "in solidum" bejniethom fl-ammont ekwivalenti ghal sehemu mill-Mid-Med Staff Pension Fund li gie xjolt fit-30 ta' Novembru 1987.

"Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-21 ta' Frar 1991, kontra l-konvenuti li huma mharrkin ghas-subizzjoni.

"Bl-imghax relattiv mit-30 ta' Novembru 1987.

"B'rizerva ta' kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi."'

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti (fol. 12) li in forza taghha eccepew illi:

“1. L-atturi m’ghandhomx, u qatt ma kellhom, is-sehem taghhom mill-Mid-Med Staff Pension Fund.

“2. Mhux minnu li l-kontribuzzjonijiet maghmula mill-Bank jikkonstitwixxu *deferred pay* appartenenti lill-atturi;

“3. L-ebda disposizzjoni tal-ligi, l-ebda kundizzjoni tal-Kuntratt ta’ Impieg u l-ebda klawsola tar-regolamenti tal-Pension Fund ma jaghtu lill-*ex*-impjegat id-drittijiet li qed jippretendu l-atturi.

“4. Fi kwalunkwe kaz l-atturi tilfu kull eventwali dritt malli volontarjament itterminaw l-impjieg taghhom mal-Bank.

“5. Salvi eccezzjonijiet ohra.”

“Rat is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta’ Frar 2007 li in forza taghha cahdet it-talbiet tal-atturi u kkundannathom ihallsu l-ispejjez kollha tal-kawza;

“Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

““Il-fatti li waslu għal din il-kawża seħħew hekk:

"Meta fl-1975 il-Gvern ta’ Malta kien kiseb l-ishma ta’ *Barclays Bank* f’Malta biex waqqaf *Mid-Med Bank*, dawk li, sa dak iż-żmien, kienu impjegati ma’ *Barclays Bank* saru impjegati ta’ *Mid-Med Bank*. Lil dawn l-impjegati, iżda, tnaqqsitilhom il-paga għax il-bank il-ġdid ma baqax iħallas l-istess pagi li kien iħallas *Barclays Bank*. Biex ipatti għal dan il-bdil fil-kondizzjonijiet tax-xogħol ta’ l-impjegati, sar ftehem bejn *Mid-Med Bank* u l-*unions* tal-ħaddiema illi l-bank iwaqqaf *pension fund* illi jkun non-kontributorju, *i.e.* l-impjegati ma jħallsu xejn għalih iżda l-bank jagħmel hu stess ħlasijiet li jkunu determinati minn

sena għal sena minn attwarji, sabiex l-impjegati jingħataw pensjoni meta jirtiraw bl-età. Inħolqot *Mid-Med Staff Pension Association* biex iżżomm u tamministra l-*pension fund* u fis-6 ta' Ottubru 1978 saru wkoll regolamenti mill-bank, imsejħa *pension rules*, dwar kif kellha tinħadem il-pensjoni u min kellu jedd għaliha. Partikolarment relevanti għall-għanijiet tal-kawża tal-lum huwa r-reg. 12(a) li jgħid hekk:

““12. *Subject to the provisions of these rules:*

“(a) *an employee of the Bank holding a pensionable post having completed ten years continuous service with the Bank shall, provided that he does not voluntarily terminate his employment before superannuation, be entitled to a pension … … …*[1]

“Kienu saru wkoll regolamenti għall-*Mid-Med Staff Pensions Association* (li kellha tamministra l-iskema), u r-reg. B(b), dwar *Members' Rights and Legal Relationships*, igħid hekk:

““B. *<u>Member's Rights and Legal Relationships</u>*

“(b) *<u>The Member and the Bank</u>*

“*No legal relationship shall arise as between the member and the Bank as a result of the regulations of the Association or any agreement that may be entered into between the Association and the Bank.*

“*PROVIDED THAT: to the extent that the arrangements between the member and the Bank require the Bank to make adequate provision for pensions and other benefits as may be applicable from time to time which provision is [sic] or is be paid to the Association, the Bank shall be considered to have met this requirement on making the requisite payments to the Association and if such payments are not made to an extent considered sufficient*

[1] *Fol*. 122.

*by the Association's actuary, the Association shall promptly notify its members of this so that such members can take such action, individually or collectively, as they deem fit by reason of the Bank having defaulted under the aforesaid arrangements.*

"(c) *The Pensioner and the Association*

"*The pensioner shall have the right to receive payment of the agreed pension and/or other benefits from the Association and such right shall be considered to be a debt of the Association ranking ahead of members' interest.*

"(d) *The Pensioner and the Bank*

"*So long as a pensioner is in receipt of an appropriate pension and/or other benefits from the Association, … … …, he shall have no recourse to the Bank but in default of such receipt in whole or in part he shall have recourse to the Bank on a basis as though the Bank were a joint and several (with the Association) guarantor of the Association's obligation to make such payments.*[2]

"Ġara illi fl-1979 twaqqaf skema statutorju ta' pensjonijiet għall-impjegati kollha – il-pensjoni "taż-żewġ terzi" taħt il-liġi tas-sigurtà soċjali – u għalhekk l-iskema tal-pensjonijiet tal-bank ma baqgħetx ħtieġa għalih. Wara negozjati bejn il-partijiet interessati ntlaħaq ftehim[3] biex l-iskema tal-bank jiġi likwidat b'seħħ mill-1 ta' Diċembru 1987 u jsiru ħlasijiet kapitali lil dawk l-impjegati li kien ikollhom jedd għall-pensjoni taħt l-iskema li kieku dan ma kienx ġie likwidat. Wara li saru dawn l-ħlasijiet[4] il-*Mid-Med Staff Pensions Association* għaddiet il-flejjes li kien fadal fl-iskema lill-bank, għalkemm l-atturi, li ma kienu ħadu ebda sehem mill-flejjes li tqassmu lill-impjegati, ipprotestaw kontra dan u sejħu lill-assoċjazzjoni u liċ-*chairman* tat-*trustees* tagħha biex ma jgħaddux il-flus li fadal lill-bank.

---

[2] *Foll.* 132 *et seq.*

[3] *Foll.* 297 *et seqq.* u *foll.* 338 *et seqq.*

[4] *Foll.* 262 *et seqq.*

"L-atturi mbagħad fetħu din il-kawża biex jieħdu dak li jidhrilhom li għandhom jedd għalih mill-iskema tal-pensjonijiet.

"L-argument ta' l-atturi, essenzjalment, huwa illi l-kontribuzzjonijiet li saru lill-iskema mill-bank kienu dawk li huma sejħilhom *deferred pay*, *i.e.* parti mill-paga tagħhom li, flok tħallset lilhom, tħallset f'isimhom lill-iskema biex jeħduha wara – għalhekk "*deferred*" – meta jirtiraw. Għalhekk, igħidu l-atturi, il-kontribuzzjonijiet li saru mill-bank f'isimhom huma tagħhom. Qegħdin igħidu hekk għalkemm il-ftehim li jitwaqqaf l-iskema kien igħid espressament illi l-iskema kellu jkun *non-contributory*[5]; l-atturi iżda jgħidu illi, għalkemm il-kontribuzzjonijiet ma jitqisux li saru mill-impjegati, *de facto* hekk kienu.

"Il-perit legali maħtur minn din il-Qorti irrelata kontra l-atturi. Beda biex qal illi l-kawża saret ħażin kontra l-bank, għax ma hemm ebda relazzjoni bejn il-bank u l-impjegati dwar il-pensjoni. Il-bank intrabat biss illi jgħaddi l-flejjes ta' l-iskema tal-pensjoni lil *Mid-Med Staff Pensions Association* u kienet din li kellha l-obbligazzjoni lejn l-impjegati li tħallashom il-pensjoni, jekk ikunu tħarsu l-kondizzjonijiet relattivi. Igħid illi, meta twaqqfet l-assoċjazzjoni, l-impjegati daħlu f'relazzjoni ma' l-assoċjazzjoni, mhux mal-bank, "li illibera ruħu minn kull responsabbiltà fil-konfront tal-ħaddiema ħlief għall-obbligu tal-versamenti lill-*Mid-Med Staff Pensions Association*"[6].

"Dan, fil-fehma tal-Qorti, ma hux għal kollox korrett. Il-bank intrabat favur il-ħaddiema illi jagħmel kontribuzzjonijiet għall-pensjoni, u ma ħelisx minn din ir-responsabbiltà billi ħoloq struttura – il-*Mid-Med Staff Pensions Association* – u għadda r-responsabbiltà lilha. Din l-obbligazzjoni għarafha l-bank stess meta fir-reg. B(d)[7] għaraf ir-responsabbiltà solidali tiegħu għall-ħlas tal-pensjoni.

"Il-kawża għalhekk saret sew kontra l-bank.

---

5 *Fol*. 101.

6 Para. 36 tar-relazjoni peritali, *fol*. 461.

7 Ara p. 5 *supra*.

"Il-Qorti iżda taqbel mal-perit legali, u mal-periti addizzjonali, li qablu ma' l-ewwel perit, illi t-talba ta' l-atturi ma għandhiex tintlaqa'.

"Il-qofol ta' kollox hu illi l-jedd ta' l-impjegati kien għall-ħlas ta' pensjoni (jekk ikunu tħarsu l-kondizzjonijiet relativi) u mhux għal sehem fil-*pension fund*. L-atturi stess jagħmlu d-distinzjoni bejn il-pensjoni u l-*pension fund*[8], biex igħidu illi min, bħalhom, ikun irrinunzja għall-pensjoni għax ikun irriżenja l-impjieg tiegħu qabel l-età tal-pensjoni, skond ir-reg. 12(a) tal-*pension rules*[9], ma jkunx b'hekk irrinunzja wkoll għal sehemu mill-*pension fund*. Fil-fatt, iżda, ladarba l-jedd ta' l-impjegati kien għall-ħlas ta' pensjoni u mhux għal sehem fil-*pension fund*, l-impjegati ma setgħux iżommu jew jirrinunzjaw għal xi ħaġa li ma kellhomx.

"Il-kwistjoni kollha għalhekk hija din: l-atturi kellhom jew ma kellhomx jedd għal pensjoni? Jekk kellhom dak il-jedd, ma setax jitteħdilhom mingħajr kumpens, u l-kumpens ikun il-ħlas ta' somma flus, ġejja, iva, mill-*pension fund* iżda mhux b'titolu ta' qsim tal-*pension fund* iżda b'titolu ta' kumpens talli ntemmilhom il-jedd għall-pensjoni. Jekk min-naħa l-oħra ma kellhomx jedd għall-pensjoni mela lanqas jedd għal kumpens ma kellhom.

"Li rridu naraw mela hu jekk l-atturi kellhomx jedd għal pensjoni.

"It-tweġiba, jidher ċar mill-ewwel, hija le. Rajna illi r-reg. 12(a) tal-*pension rules* igħid illi impjegat ikollu jedd għall-pensjoni "*provided* [*inter alia*] *that he does not voluntarily terminate his employment before superannuation*", u l-atturi tal-lum kollha temmew l-impjieg tagħhom qabel l-età tal-pensjoni. L-atturi stess, fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħhom tas-7 ta' Awissu 2003, igħidu espressament illi "d-dritt għall-pensjoni [huwa dritt] li l-esponenti bl-ebda mod ma huma jirreklamaw"[10].

---

8 Ara n-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-atturi tat-3 ta' Ġunju 1997, *fol*. 406.
9 Ara p. 4 *supra*.
10 *Fol*. 507.

“Tassew illi, meta kienet qiegħda ssir il-likwidazzjoni ta’ l-iskema, dawk li dak iż-żmien kienu għadhom impjegati mal-bank ingħataw somma flus, meħuda mill-*pension fund*, bħala kumpens talli irrinunzjaw għall-jedd għall-pensjoni, li dak iż-żmien kien għadu biss aspettativa, mhux jedd miksub, bil-patt illi jroddu dak li jkunu ħadu jekk ma jagħmlux għaxar snin impjegati mal-bank[11] (billi dik kienet kondizzjoni oħra biex jingħataw il-pensjoni meta jirtiraw bl-età) u mhux ukoll bil-patt illi jroddu dak li jkunu ħadu jekk itemmu l-impjieg qabel l-età tal-pensjoni.

“Dak iżda kien ftehim ġdid li ntlaħaq ma’ min kien impjegat meta saret il-likwidazzjoni; setgħet saret ukoll stipulazzjoni (li kienet tkun aktar korretta) illi jintradd il-kumpens ukoll jekk l-impjegat itemm l-impjieg qabel il-waqt, iżda dik l-istipulazzjoni ma saritx. Dan ma jibdilx il-pożizzjoni ta’ min ma kienx impjegat b’aspettativa ta’ pensjoni f’dak iż-żmien.

“L-atturi (jew, għall-inqas, dawk fosthom illi temmew l-impjieg bejn l-1979 u l-1985) iżda jgħidu illi l-likwidazzjoni kien imissha saret hekk kif daħal l-iskema statutorju “taż-żewġ terzi”, meta allura l-iskema tal-bank sar żejjed, u mhux tmien snin wara, fl-1987. Li kieku sar hekk, dawk fosthom li kienu għadhom impjegati fl-1979 kienu jieħdu kumpens bħal ma ħa min kien impjegat fl-1987.

“Dan l-argument għandu l-forza tiegħu, iżda għandu wkoll id-djufija ta’ l-argumenti kollha mibnija fuq “li kieku”. Fl-1979 *Mid-Med Bank* kien ilu erba’ snin li twaqqaf, u għalhekk ħadd ma kien għadu għamel għaxar snin impjegat. Li kieku l-iskema kien likwidat fl-1979, u għalhekk l-atturi, impjegati f’dak iż-żmien, kienu jieħdu kumpens talli rrinunzjaw għall-aspettativa tal-pensjoni, kienu jibqgħu impjegati għal għaxar snin, u kienu jibqgħu impjegati sal-età tal-pensjoni, biex hekk ikunu ħarsu l-kondizzjonijiet kollha, jew kienu xorta jtemmu l-impjieg qabel l-età tal-pensjoni, bħal ma fil-fatt għamlu? Ma nafux x’kienu jagħmlu “kieku”, u għalhekk ma jistax jinbena argument fuq dan il-pedament ipotetiku.

---

[11] Ara *foll.* 263 *et seqq.*

"L-argument illi l-likwidazzjoni kien imissha saret fl-1979 kien ukoll ikollu forza li kieku nġiebet prova illi l-bank baqa' jġebbed sal-1987 biex ikun hemm min, bħall-atturi, jitlaq qabel, u hekk jeħles mill-obbligazzjoni tiegħu bla ħtieġa li jħallas kumpens. Din kienet tkun prova ta' *mala fides* min-naħa tal-bank. Din il-prova, iżda, ma nġibitx. Saret allegazzjoni illi kienet deċiżjoni arbitrarja tal-bank illi jillikwida l-iskema fl-1987[12] u illi l-bank "kaxkar saqajh"[13], iżda fil-fatt il-likwidazzjoni setgħet issir biss bi ftehim bejn il-bank u l-partijiet interessati – ma kienitx ħaġa li l-bank seta' jagħmilha unilateralment. Ma saritx prova illi d-dewmien kien ħtija tal-bank biss, jew li l-bank kien *in mala fide*, u lanqas ma nġiebet prova illi l-bank tqiegħed *in mora* bin-notifika ta' att ġudizzjarju; jidher anzi illi l-ewwel att ġudizzjarju kien ippreżentat fit-30 ta' Novembru 1989.

"Il-kwistjoni l-oħra, imsemmija mill-atturi fit-tieni nota ta' osservazzjonijiet tagħhom[14], dwar jekk għamlitx sew il-Mid-Med Staff Pensions Association illi għaddiet lill-bank il-flus li kien fadal wara li tħallas il-kumpens lil dawk l-impjegati li kellhom jedd għall-pensjoni, ma hijiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża tal-lum. Jekk l-assoċjazzjoni għamlet ħażin, u jekk min mexxieha ma ħarisx l-obbligazzjonijiet u d-dmirijiet fiduċjarji tiegħu, dawn iwieġbu lill-membri ta' l-assoċjazzjoni, *i.e.* dawk l-impjegati li kellhom jedd għal pensjoni, u mhux lill-atturi li, għax temmew l-impjieg tagħhom qabel l-età tal-pensjoni, ma kellhomx dak il-jedd."

"Rat ir-rikors tal-appell, ipprezentat fil-5 ta' Marzu 2007, tal-atturi Wilfred Mallia, Jean-Pierre Azzopardi, Martin Bonnici, Marie Montanaro u okkorrendo l-Prokuratur Legali Edgar Montanaro li in forza tieghu, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti joghgobha tilqa' l-appell u tirrevoka u thassar is-sentenza appellata u

12 Ara l-*affidavit* ta' Wilfred Mallia, *fol*. 391.
13 Ara n-nota ta' osservazzjonijiet ta' l-atturi tas-7 t'Awissu 2003, fol 508.
14 *Foll*. 503 *et seqq*.

tghaddi biex tilqa’ t-talbiet attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.[15]

“Rat ir-risposta tal-appell tal-konvenuti appellati li, in forza taghha, ghar-ragunijiet hemm premessi, talbu li din il-Qorti tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fl-intier taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenzi tal-5 ta’ Mejju 2009, 12 ta’ Mejju 2009 u 9 ta’ Gunju 2009;;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

“Ikkunsidrat:

“Illi l-fatti li waslu ghal din il-kawza jinsabu esposti fil-parti preliminari tas-sentenza tal-ewwel Qorti riprodotta bhala parti minn din is-sentenza u ghalhekk, a skans ta’ ripetizzjoni qed issir riferenza ghal dak li osservat l-ewwel Qorti dwar kif sehhew l-affarijiet.

“L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet attrici wara li qieset li l-flus li originarjament gew imwarrba mill-Bank konvenut biex iservu bhala fond ghall-pensjoni tal-impjegati taghha, ma kienux jappartjenu lill-*ex*-haddiema u lanqas ma kienu jirraprezentaw parti (imnaqqsa) mis-salarju taghhom u allura meta l-iskema tal-pensjoni giet imwaqqfa u l-fond likwidat, l-*ex*-haddiema ma kellhom ebda dritt ghal sehem minn dawk il-flus.

“L-atturi appellaw bl-aggravju jkun li l-kontribuzzjonijiet li ghamel il-Bank ghall-fond tal-pensjoni ghandhom jitqiesu bhala *deferred pay*, u allura jappartjenu lill-atturi, fost ohrajn, bhala *ex*-impjegati tal-bank.

---

[15] Originarjament ir-rikors tal-appell gie pprezentat ukoll f’isem Alfred Mangion u Paul Bonello. Dawn, pero`, b’noti pprezentati fl-14 u fit-13 ta’ Marzu 2007 rispettivament, irrinunzjaw ghall-appell wara li ddikjaraw, fost affarijiet ohra, li l-appell kien gie intavolat ad insaputa taghhom u minghajr l-awtorizzazzjoni taghhom – ara fol. 12 u 13 tal-atti tal-appell.

“Din il-Qorti trid, qabel xejn, tiddikjara li hi sejra tiskarta ghall-kollox ir-rapport ipprezentat mill-periti addizzjonali f’din il-kawza u dan fid-dawl tas-sottomissjoni maghmula mill-appellanti fl-udjenza tad-9 ta’ Gunju 2009 quddiem din il-Qorti.  Din il-Qorti thoss li ghandha ticcensura lill-perit addizzjonali in kwistjoni li, filwaqt li kien qed jaqdi d-doveri moghtija lilu mill-ewwel Qorti f’dawn l-atti, kien qed jaccetta inkarigi mill-bank konvenut biex jidher bhala avukat ghall-bank f’diversi kawzi ohra li kien involut fihom l-istess bank, u dan minghajr ma ddikjara, lill-partijiet f’din il-kawza, din ic-cirkostanza li tista’ twassal ghall-possibli konflitt ta’ interess.  Hu veru li r-rapport tat-tlett periti addizzjonali jidher li kien wiehed unaminu, u ghalhekk kien hemm opinjoni ta’ maggoranza li kienet imparzjali u kontra t-tezi tal-atturi, pero`, fic-cirkostanzi din il-Qorti tara li jkun ahjar jekk tiskarta u ma tikkunsidrax ir-rapport tal-perit addizzjonali, u tiddeciedi fuq l-atti u l-provi prodotti.
“Ghal kull buon fini, jista’ jigi registrat ukoll il-fatt li din il-Qorti mhux se tikkunsidra l-appell in kwantu sar f’isem Alfred Mangion u Paul Bonello, peress li dawn iddikjaraw f’dawn l-atti li huma irrinunzjaw ghad-dritt tal-appell *ab initio* u li l-appell gie intavolat f’isimhom “minghajr l-awtorizazzjoni” taghhom.

“Trattat il-meritu, din il-Qorti ma taqbilx mal-argumenti tal-atturi appellanti.  L-atturi kienu impjegati mal-Barclays Bank D.C.O, u kienu jahdmu fil-*branches* li dan il-bank kellu hawn Malta.  Meta fl-1975 il-Gvern Malti ta’ dak iz-zmien akkwista l-ishma li l-bank kellu hawn Malta, ried li s-salarji tal-impjegati tal-Bank il-gdid li ried iwaqqaf (bl-isem ta’ Mid-Med Bank Ltd.) ikunu konformi mas-salarji tal-impjegati tac-civil, u allura dawk l-impjegati *ex*-Barclays Bank li accettaw li jahdmu mal-Bank il-gdid, kellhom jikkuntentaw b’salarju anqas u b’kundizzjonijiet differenti milli qabel kienu jgawdu meta kienu impjegati mal-Barclays Bank.

“Biex itaffi ftit minn din il-pillola qarsa li dawn l-impjegati kienu se jiehdu, il-Bank il-gdid iddecieda li johloq skema ta’ pensjoni ghall-impjegati tieghu, skema li kienet non-kontributorja, dipendenti fuq ghotja ta’ ghaxar snin servizz,

izda li giet terminata fl-1979 meta l-Gvern Malti introduca skema statutorja ta’ pensjoni ghall-impjegati kollha.

“Hu car li l-hlasijiet li l-bank kien jiddeposita fil-*pension fund*, ma kienux flus li kien qed izomm mis-salarju tal-impjegati taghha. Is-salarju stabbilit kien li kien, u gie stabbilit biex ikun relatat mas-salarji generali fis-servizz pubbliku. Ma giet iffissata ebda rata li minnha kellu jsir tnaqqis, u l-kontribuzzjonijiet li ghamel il-bank ghall-fond tal-pensjoni ma kienux qed isiru mill-flus “taghhom”, cioe`, tal-impjegati. Hu maghruf li mill-paga tal-impjegati ma jista’ jsir ebda tnaqqis jekk mhux fejn awtorizzat mil-ligi jew bi ftehim mal-istess impjegati (ara bhala rifless fuq dan, il-kawza **Camilleri noe v. Ragonesi et**, deciza minn din il-Qorti fit-22 ta’ Jannar 2001), u f’dan il-kaz ma jirrizultax li sar “ftehim” li l-impjegati jinghataw paga imnaqsa, jigifieri anqas minn dik stabbilita, biex jaghmel tajjeb ghall-iskema tal-pensjoni li holoq il-Bank il-gdid.

“Il-Bank ghazel hu stess, u mhux ghax kellu xi obbligu li jsir hekk, li johloq fond amministrat bhala *trustee* minn assocjazzjoni u li fih jaghmel depoziti regolari. Kif imbaghad dawn id-depoziti kellhom jidhru fil-kotba tal-Bank ma kienitx ta’ interess lil min kellu jibbenifika mill-iskema ghaliex il-fond kien kostitwit sabiex jiggarantixxi hlas ta’ pensjoni, u wiehed jista’ legittimatament jargumenta li l-obbligu ta’ hlas ta’ pensjoni kien jezisti indipendentement mill-ezistenza tal-fond.

“L-arrangament ma kienx li parti mill-paga tigi investita fi skema ta’ pensjoni, izda li min ihaddem, juza parti mill-assi tieghu biex johloq skema ta’ pensjoni ghall-impjegati tieghu.

“Il-kuntratti li gew ppublikati f’Ottubru tal-1978 u fi Frar tas-sena ta’ wara ma huwa ta’ ebda serhan ghall-atturi. Dawk il-kuntratti jirregolaw it-twaqqif tal-iskema ghall-pensjoni, kif din kellha topera u min kien intitolat ghall-pensjoni; waslu wkoll ghat-twaqqif ta’ Association biex timmanigja l-fond. Ghalkemm jista’ jigi koncess li kien il-hsieb li l-*pension fund* tinghata certa awtonomija, u l-bank intrabat *under irrevocable covenant* li jaghti pensjoni lil min

jikwalifika ghaliha skond it-termini tal-istess fond, dan ma jfissirx la li l-atturi ghandhom dritt ghall-pensjoni, a differenza minn aspettativa, u lanqas li l-flus li jitpoggew fil-fond isiru tal-impjegati. Il-pensjoni, skond ir-regoli tat-twaqqif taghha, kien intitolat ghaliha min ikun ilu jahdem ghaxar snin mal-Bank, u min ma jkunx irrizenja volontarjament bhala mpjegat tal-bank. F'dan il-kaz l-atturi appellanti kienu kollha irrizenjaw volontarjament mill-Bank, u kwindi zgur li ma humiex intitolati ghall-pensjoni. Kif inghad aktar qabel, lanqas ma jirrizulta li l-flus li l-bank iddepozita fil-fond kienu jappartjenu lill-impjegati, jew li mad-depozitu gew moghtija lill-istess impjegati. Mhux kontestat li l-flus tal-fond inhargu mill-Bank konvenut, u li dawn kienu jigu trasferiti ghall-Mid-Med Staff Pension Association Account, mill-Provision for Staff Pension Fund Account tal-istess Bank, pero`, ma jirrizultax li kien isir *a transfer of ownership* tal-flus. Il-fatt li somma flus tigi allokata ghal skop partikolari, ma jfissirx li l-beneficjarji ta' dak l-iskop isiru, mal-allokazzjoni, proprjetarji ta' dawk il-flus. Dment li l-iskema tal-pensjoni kienet ghada qed topera, il-bank intrabat biex ma jinterferix fit-thaddim tal-iskema b'mod li *"will result in the return of any monies to the bank"*, pero`, darba li l-iskema giet terminata, u spicca l-iskop li ghalih kienu gew depozitati l-flus, il-bilanc jibqa' ta' proprjeta` ta' min iddeposita l-flus, u mhux ta' dawk li ma humiex intitolati ghall-beneficcju anke kieku l-iskema ma gietx terminata. L-atturi f'din il-kawza urew, l-aktar, li bhala *ex*-impjegati tal-bank konvenut, kellhom dritt ghall-aspettativa ta' pensjoni – kieku kkonfermaw mal-kriterji stabbiliti – pero`, ma giex pruvat li ghandhom dritt ghal sehem tal-fond. Kif intwera, ma giex muri li l-kontribuzzjoni li kien jaghmel il-bank ghall-fond kellu n-natura ta' *deferred pay*, u filwaqt li l-impjegati li jikkwalifikaw kellhom dritt ghall-pensjoni, ma kellhomx dritt ghall-flus li l-bank warrab ghall-iskop li jhallas il-pensjoni.

"Lanqas ma hu ta' sostenn ghat-terzi tal-atturi appellanti l-fatt li l-flus depozitati fil-fond tal-pensjoni ma baqghux jidhru bhala assi fil-*balance sheet* ta' kull sena tal-Mid-Med Bank. Il-versamenti li l-bank kien jaghmel versu l-fond kienu jammontaw ghal provizjoni ghal hlas futur (liema hlas il-bank kellu l-obbligu li jiggarantih anke skond

ir-regoli li kienu jirregolaw il-fond kif citati ben tajjeb fis-sentenza appellata fejn il-Qorti rrimarkat li l-Bank *"gharaf ir-responsabbilta` solidali tieghu ghall-hlas ta' pensjoni"*) u gialadarba l-Bank kellu l-aspettativa regjonevoli illi dawn il-flus ser ikollhom jithallsu in kwantu *claims* fuq il-pensjonijiet dawn il-flus kienu fil-fatt jitqiesu bhala spiza.

"Il-fatt li l-bank talab approvazzjoni minghand il-Mid-Med Staff Pension Association biex il-flus li kien hemm fil-fond jigu mqassma, ma jurix li allura l-bank ma kienx iqis dawk il-flus bhala tieghu.  Dawn il-flus harighom il-bank, izda kienu mizmuma u amministrati minn assocjazzjoni mwaqqaf ghal dan l-iskop permezz ta' tlett atti pubblici, u la darba l-amministrazzjoni tal-fond giet afdata f'idejn assocjazzjoni, inhasset il-htiega li x-xoljiment tieghu isir bl-approvazzjoni ta' l-istess assocjazzjoni.  Dan pero`, ma jwassalx ghall-konsegwenza li l-flus kienu proprjeta` tal-assocjazzjoni jew tal-impjegati.

"Din il-Qorti, bhal l-ewwel Qorti qabilha, lanqas ma tara li gie ppruvat li l-bank qaghad ikaxkar saqajh milli jillikwida l-fond, bi hsieb preciz li jara kif, fl-ewwel lok, "jehles" mill-atturi appellanti.  Ma saret ebda prova ta' *mala fede* fil-konfront tal-bank.  L-atturi kienu irrizenjaw volontarjament mill-bank, u ma giex muri mod iehor.  Meta l-fond tal-pensjoni gie likwidat, dawk li rrinunzjaw ghad-dritt ta' aspettativa tal-pensjoni, inghataw somma, pero`, l-atturi appellanti ma setghux jigu kkunsidrati, peress li, <u>la darba huma kienu rrezenjaw mill-impjieg</u>, ma kellhomx aspettativa ghalxiex jirrinunzjaw.

"Ghall-bqija din il-Qorti taqbel mal-argumenti migjuba mill-ewwel Qorti, u kwindi sejra tichad l-appell propost.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell interpost mill-appellanti billi tichad l-istess u tikkonferma *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez ta' din l-istanza jithallsu mill-appellanti in solidum bejniethom."

1.3 It-talba tar-rikorrenti ritrattandi hija is-segwenti, jigifieri li:

"......filwaqt li jipprezentaw il-garanzija ghall-ispejjez u jaghmlu riferenza ghall-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u ghall-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja (Kap. 319 tal-Ligijiet) in kwantu applikabbli ghall-kaz odjern, u filwaqt li jitolbu li qabel xejn tigi mhassra dik is-sentenza fl-ismijiet: **Alfred Mangion et v. Dr. Riccardo Farrugia nomine et** (Citaz. Numru 265/91), jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna illi l-kawza deciza bil-precitata sentenza tigi ritrattata fi grad ta' appell a tenur tal-Artikolu 811(e) u 811(i) tal-Kap. 12, u senjatament minhabba li applikat il-ligi hazin u minhabba li fiha disposizzjonijiet kontra xulxin u okkorrendo tiddikjara illi l-precitata sentenza tat-18 ta' Settembru 2009 fl-ismijiet premessi hija difettuza u konsegwentement nulla u insegwibbli ghaliex mhux konformi mal-ligi suprema. Bl-ispejjez kontra l-atturi (sic)."

**L-aggravji tal-atturi ritrattandi ghal fini tar-revoka tas-sentenza moghtija fl-appell u r-ritrattazzjoni taghha.**

2.1 L-aggravji tal-atturi ritrattandi jistghu, in succint, jingabru fis-segwenti:

**L-ewwel aggravju**

2.2 L-ewwel aggravju jikkoncerna n-nomina ta' wiehed mill-periti addizzjonali li gew nominati mill-ewwel Qorti. Ir-ritrattandi jillanjaw b'enfasi mill-fatt li dan il-perit addizzjonali kien "avukat tal-Bank" ritrattat, li min-naha tieghu "kompla jassenjalu kawzi godda b'valur ta' eluf kbar ta' Liri fil-mori tal-espletament tal-inkarigu". Anzi jzidu li kien l-istess perit legali li fil-fatt irrediga r-rapport finali tal-periti addizzjonali.

Ir-ritrattandi jaghmlu imbaghad, riferenzi ghall-Artikolu 681 tal-Kap. 12, u jissottomettu li darba li l-ewwel Qorti ghazlet li taccetta u taddotta l-konkluzjonijiet peritali, allura kellu jsegwi li "dawn il-konkluzjonijiet isiru l-konkluzjonijiet <u>taghha</u> billi hija <u>tistrieh</u> fuqhom." Ghalhekk il-Qorti tal-Appell ma setghetx, kif iddikjarat hi, li "ma tikkonsidrax ir-rapport tal-periti addizzjonali" u fl-istess nifs "tikkonvalida

s-sentenza tal-ewwel Qorti li strahet fuqu (i.e. ir-rapport tal-periti addizzjonali).”

L-atti tal-kawza, isostnu r-ritrattandi, ippregudikaw sahansitra s-sustanza tal-procedura, u dan billi kienu jimpingu fuq l-imparzjalita` tal-gudikanti u hawn huma jaghmlu riferenza ghal decizjonijiet tal-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem ta’ Strasbourg.

Il-Qorti tal-Appell kellha *se mai* twarrab sija r-rapport addizzjonali kif ukoll is-sentenza tal-ewwel Qorti in kwantu din kienet tistrieh fuqu, u tibghat l-atti tal-kawza lura quddiem l-ewwel Qorti biex “il-kawza tkompli mill-istadju li ppreceda l-hatra ta’ Periti Addizzjonali.”

Dak li sar mill-Qorti tal-Appell kien ghalhekk jammonta ghal nuqqas ta’ smiegh xieraq u imparzjali.

Is-sentenza impunjata kellha fiha ghalhekk applikazzjoni hazina tal-ligi peress li wara li ccensurat l-operat tal-periti addizzjonali, spiccat biex hija “tat sentenza li mhix skond il-ligi.” Is-sentenza impunjata, isostnu r-ritrattandi, kienet mibnija fuq zball gudizzjarju u kellha ghalhekk tigi annullata kif hemm stabbilit fl-Art. 811, subinciz (e) tal-Kap. 12.

**It-tieni aggravju**

2.3 It-tieni aggravju huwa mibni fuq is-subinciz (i) tal-Art. 811 tal-Kap. 12 li jirreferi ghall-kaz ta’ meta f’sentenza ta’ Qorti “jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin.”

Fis-sentenza taghha l-Qorti tal-Appell l-ewwel tghid li l-Bank “intrabat *under irrevocable covenant*” li jaghti pensjoni lil min jikkwalifika ghaliha (izda mhux lill-atturi) biex imbaghad u in segwitu gabet dan kollu fix-xejn. Ghalhekk huma jghidu li allura s-sentenza moghtija kien fiha disposizzjonijiet kontra xulxin,
“bil-Qorti filli tghid li l-kontribuzzjonijiet jew versamenti ma jistghu taht l-ebda cirkostanzi jmorru lura ghand il-Bank, u filli tghid illi sewwa ghamel il-Bank li hadhom lura minghand ic-Chairman tat-*Trustees*.”

Wara li r-ritrattandi jidhlu mill-gdid fil-mertu tal-vertenza bejn il-partijiet u jirreferu ghal dak li ddecidiet dwaru l-Qorti tal-Appell, huma jissottomettu hekk:

"Ghalhekk, din l-Onorabbli Qorti, wara li rrikonoxxiet illi kien tassew gie miftiehem illi l-flus ma jergghu qatt imorru lura ghand il-Bank, ikkundannat ir-*write-back* maghmula mill-Bank. Dawn id-disposizzjonijiet kontra xulxin fis-sentenza ta' din l-Onorabbli Qorti jaghtu raguni biex il-kawza tigi ritrattata fl-istadju ta' appell."

**Ir-risposta tal-konvenuti**

3.1 Il-konvenuti ritrattati wiegbu li t-talbiet tar-ritrattandi ghandhom jigu respinti bl-ispejjez kontrihom, bil-konferma tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta' Settembru 2009.

3.2 In succint, il-konvenuti jaghtu r-ragunijiet li gejjin li ghandhom iwasslu ghac-cahda tat-talbiet tar-ritrattandi:

A (i) Dwar l-Art. 811(e), ma giex indikat l-artikolu tal-ligi li gie applikat hazin, u lanqas ma gie indikat l-artikolu tal-ligi li messu gie applikat minfloku.

(ii) ma tressqu ebda ragunijiet li jinkwadraw ruhhom taht id-dispost fuq imsemmi;

(iii) l-allegazzjoni dwar "nuqqas ta' smiegh xieraq" la hija rilevanti ghal fini ta' ritrattazzjoni, u f'kull kaz hija bla bazi.

B. Dwar l-Art. 811(i) jigifieri "disposizzjonijiet kontra xulxin", wiegbu li,

(i) mhux minnu li hemm kontradizzjonijiet fir-ragunament tal-Qorti *se mai*, fil-parti dispozittiva tas-sentenza ma hemm ebda kontraditorjeta`.

L-atturi qeghdin semplicement jintentaw jaghmlu appell minn appell gia` deciz, haga li m'hijiex legalment konsentita.

**Fatti tal-kaz**

4. Bhala sfond fil-qosor tal-fatti, jista' jinghad li r-ritrattandi kienu lkoll impjegati mal-Bank konvenut (ir-ritrattati f'din il-procedura) fiz-zmien ta' bejn l-1 ta' Ottubru 1975 u l-15 ta' Jannar 1979, izda dawn irtiraw mill-impieg taghhom mal-Bank f'dati differenti. L-impjegati originarjament kienu eligibbli ghal pensjoni msejha "Mid-Med Staff Pension", li l-fondi taghha kienu jigu amministrati mill-Mid-Med Staff Pension Association. Fil-15 ta' Jannar 1979, giet introdotta, fuq bazi nazzjonali, l-hekk imsejha "il-pensjoni taz-zewg terzi" b'hekk mill-15 ta' Jannar 1979, u l-Bank ittermina l-Pension Fund. Ir-ritrattandi jsostnu li sar ftehim bejn il-partijiet kollha interessati "biex l-iskema tal-Bank jigi likwidat b'sehh mill-1 ta' Dicembru 1987 u jsiru hlasijiet kapitali lil dawk l-impjegati li kien ikollhom jedd ghall-pensjoni taht l-iskema, li kieku dan (il-fond) ma kienx gie likwidat." Wara li sar dan l-ezercizzju, gara li r-ritrattandi baqghu minghajr ma rcevew ebda kumpens jew flejjes mill-ammonti mqassma fost l-impjegati tal-Bank. Huma pprotestaw dwar dan u sejhu lill-Mid-Med Staff Pension Associations kif ukoll lic-*Chairman* tat-*Trustees* taghha biex ma jghaddux lura l-flejjes li kien ghad fadal lill-Bank u li huma jigu kkunsidrati wkoll ghal fini ta' hlasijiet. Pero` huma baqghu bla ma rcevew xejn. In segwitu` fethu kawza biex jiehdu dak li dehrilhom li kellhom dritt ghalieh mill-iskema tal-pensjonijiet surreferita.

L-ewwel Qorti cahdet it-talbiet taghhom wara li qieset li l-flus li originarjament gew imwarrba mill-Bank konvenut biex iservu bhala fond ghall-pensjonijiet tal-impjegati taghha, ma kienux fil-fatt, jappartjenu lill-*ex*-impjegati tal-Bank u lanqas ma kienu jirrapprezentaw xi parti mnaqqsa mis-salarju taghhom u ghalhekk meta l-iskema tal-pensjoni giet imwaqqfa u l-fond taghhom likwidat, l-*ex*-impjegati ma kellhom ebda dritt ghal xi sehem minn dawk il-flejjes.

L-atturi appellaw minn din is-sentenza moghtija mill-Prim Awla fit-13 ta' Frar 2007. B'decizjoni ohra tat-18 ta' Settembru 2009, il-Qorti tal-Appell cahdet l-appell taghhom u kkonfermat *in toto* s-sentenza tal-ewwel Qorti, bl-ispejjez ghall-atturi *in solidum* bejniethom.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

5.1 Fil-15 ta' Dicembru 2009, l-atturi appellanti pprezentaw rikors b'talba ta' ritrattazzjoni tas-sentenza surreferita moghtija mill-Qorti tal-Appell diversament komposta, a bazi tas-subartikoli (e) u (i) tal-Artikolu 811 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

5.2. Qabel ma din il-Qorti tghaddi biex tezamina l-aggravji tar-ritrattandi jkun utli li ssir riferenza ghall-principji bazici li jemanaw mill-istitut tar-ritrattazzjoni kif ukoll ghaz-zewg stadji, ta' indole procedurali inerenti fih.

5.3 Jigi rilevat fl-ewwel lok, li r-rimedju mitlub mir-ritrattandi huwa meqjus bhala wiehed straordinarju u eccezzjonali in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fundamentali li l-gudizzju moghti jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti. Hu rimedju mela li jista' jigi invokat biss fil-kazijiet tassattivament elenkati fil-ligi u, inoltre, id-disposizzjonijiet relattivi ghandhom jigu interpretati ristrettivament. Per konsegwenza, ma huwiex permess lil ebda wahda mill-partijiet, li, taht pretest ta' ritrattazzjoni terga' tiftah il-kawza u b'hekk indirettament tipprova tikkrea ghaliha tribunal tat-tielet istanza (ara in propozitu d-decizjonijiet **AIC Joseph Barbara v. Direttur tax-Xoghlijiet Pubblici**, Qorti tal-Appell, 17 ta' Frar 2003 u **Julian Sammut et v. Mary sive Marlene Mizzi et**, Qorti tal-Appell, 30 ta' Gunju 2003).
Fit-tieni lok, jigi rilevat illi din il-procedura in ezami tinvolvi zewg stadji separati jigifieri l-istadji maghrufin rispettivament bhala *in rescindente* u *in rescissorio*. It-tieni stadju jigi mistharreg u adoperat biss fl-eventwalita` li tigi akkolta l-ewwel domanda tar-ritrattandi, jigifieri fil-kaz li tithassar u tigi revokata s-sentenza impunjata. Fi kliem iehor huwa mehtieg li qabel xejn jigi deciz jekk it-talba

ghal fini ta' ritrattazzjoni, kif immotivata, hijiex ammissibli jew le *ex lege*.

**L-ewwel motiv ta' ritrattazzjoni bbazat fuq l-Artikolu 811(e) Kap. 12**

6. L-ewwel aggravju tal-atturi ritrattandi huwa bbazat fuq is-subartikolu (e) tal-Art. 811 tal-Kap. 12 li jipprovdi li jkun hemm lok ghal ritrattazzjoni tal-kawza,

"jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin;

"Ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza appellata, ma tkunx skond il-ligi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' ligi, li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni."

Dan is-subartikolu (e) tal-Kap. 12 certament m'huwiex wiehed mill-aktar felici f'dik li hija kjarezza fil-mod kif jinsab ifformulat u, fil-fatt, ta lok ghal diversi kazi fejn parti ppruvat tiehu spunt minnu biex b'xi mod jew iehor tasal biex tiggustifika t-talba taghha ghal fini ta' ritrattazzjoni. Izda llum il-gurisprudenza domestika hija wahda sufficjentement uniformi u cara dwar dak li huwa kompriz u rikjest fl-imsemmi sub-inciz tal-Artikolu 811. Mill-istess gurisprudenza (hekk fost ohrajn ara **George Xuereb v. Dorothy Xuereb**, Qorti tal-Appell, 20 ta' Jannar 1992, li baqghet tigi segwita f'decizjonijiet sussegwenti), hemm biss lok ghal ritrattazzjoni a bazi tas-subinciz (e), jekk, fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati, jirrizulta li l-Qorti tkun applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun proprjament applikat. Fi kliem iehor, jitqies li jkun hemm applikazzjoni hazina tal-ligi mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatt imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi gusta ghal dawk il-fatti. Huwa sewwa sew ghalhekk, u kif tajjeb wiegbu r-ritrattati, illi l-Artikolu 816 tal-istess Kap. 12 jispecifika li meta r-raguni ghar-ritrattazzjoni tkun l-applikazzjoni hazina tal-ligi, f'dak il-kaz, "l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata."

Stabbiliti l-principji fuq imsemmija, din il-Qorti assolutament ma tasalx biex tifhem kif l-ewwel aggravju tar-ritrattandi jista' b'xi mod jinkwadra ruhu taht dan is-subinciz (e). Ir-ritrattandi jintentaw jibnu argument bhala bazi ghal dan is-subinciz billi jissottomettu hekk: L-Artikolu 681 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti peritali kontra l-konvinzjoni taghha stess. L-ewwel Qorti ddikjarat espressament li kienet taqbel mal-perit legali, kif ukoll mal-periti addizzjonali, li qablu ma' l-ewwel perit, li t-talba tal-atturi m'ghandhiex tintlaqa! Mela dan kien allura jfisser li "l-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali saru ghagna wahda mad-decizjoni tal-ewwel Onorabbli Qorti." Kwindi jghidu li l-Qorti tal-Appell ma setghetx tirritjeni, kif qalet, li "ma tikkonsidrax ir-rapport tal-periti addizzjonali" biex imbaghad tghaddi "biex tikkonvalida s-sentenza tal-ewwel Qorti". Skont ir-ritrattandi, il-Qorti tal-Appell "ma setghetx twarrab ir-relazzjoni tal-periti addizzjonali pero` tabbraccja s-sentenza tal-Qorti Civili". Li messha ghamlet il-Qorti tal-Appell, kien dak li twarrab kemm ir-rapport u s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tannullaha – isostnu r-ritrattandi.

7. Din il-Qorti hija ta' fehma opposta ghal dan ir-ragunament tar-ritrattandi kif fuq espost. Bil-fatt li l-Qorti tal-Appell dehrilha li jkun opportun li twarrab, billi tinjora, il-konkluzjonijiet tal-periti addizzjonali, ma kienx ifisser ukoll li allura hija ma setghet qatt tasal ghall-istess konkluzjonijiet bhal dik li giet raggunta minnhom. Kif hemm ipprovdut fl-istess Artikolu 681, citat mir-ritrattandi, il-Qorti ghandha liberta` diskrezzjonali shiha li toqghod u tiddeciedi biss fuq il-<u>konvinzjoni taghha nfisha</u>. Mela dan ifisser li jekk il-Qorti tal-Appell hasset li setghet xorta wahda tasal ghal decizjoni minghajr ma tirreferi ghar-rapporti peritali, dan setghet taghmlu. U fil-fatt l-Artikolu 681 tal-Kap. 12 li minnu r-ritrattandi ppruvaw jiehdu xi forma ta' sostenn in gustifikazzjoni tal-aggravju taghhom jaghti anzi affidament ghall-mod kif, fic-cirkostanzi, ipprocediet il-Qorti tal-Appell. Hija ghazlet li tasal ghad-decizjoni taghha, indipendentement minn dak li tnizzel fir-

relazzjoni tal-periti addizzjonali ghaliex il-precitat artikolu jipprovdi espressament illi:
“Il-Qorti mhux marbuta li taccetta l-konkluzjonijiet tar-rapporti tal-periti kontra l-konvinzjoni taghha nfisha.”

Huwa bizzejjed evidenti li dan l-artikolu jaghti awtorita` shiha lill-Qorti li tiddistakka ruhha mir-rapport peritali u timxi fuq il-konvinzjonijiet taghha. Bil-fatt li l-Qorti ghazlet li taghmel din l-ghazla u mhux dik awspikata u suggerita mir-ritrattandi bl-ebda mod ma jinficja jew jirrendi nulla l-procedura hekk adoperata.

Il-fatt li, fl-ahhar mill-ahhar, waslet ghal konkluzjoni identika jew simili ghal dik espressa mill-periti addizzjonali ma jbiddel xejn. F’kull kaz, dan l-operat kollu tal-Qorti tal-Appell certament ma jinkwadrax ruhu fis-subinciz (e) tal-Art. 811 ghax minn imkien ma jirrizulta li gie applikat artikolu tal-ligi minflok iehor. Fil-fatt ir-ritrattandi ma jsemmu ebda artikolu iehor minfloku – nuqqas iehor gravi min-naha taghhom.

8. Il-bqija tal-aggravju jiehu, imbaghad, xejra ohra b’riferenza ghall-Art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem dwar “nuqqas ta’ smiegh xieraq” – li dwaru r-ritrattandi qeghdin jillanjaw addizzjonalment billi jsostnu li l-mod kif ipprocediet il-Qorti tal-Appell fir-rigward tal-ilment tal-avukat taghhom illi wiehed mill-periti addizzjonali kien u baqa’ jircievi inkarigi ta’ natura professjonali bi hlas min-naha tal-Bank konvenut u dan waqt li kellu l-imsemmija nomina peritali.
Issa, fil-fehma konsidrata ta’ din il-Qorti, dan it-tieni aspett tal-ewwel aggravju ma jinkwadra ruhu bl-ebda mod fid-dizpozittiv tal-Art. 811(e) tal-Kap. 12. Jekk ir-ritrattandi qeghdin jaghtu *da intendere* li kien hemm lezjoni tad-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif gie minnhom allegat, is-subinciz (e) tal-811 tal-Kap. 12, ghal fini ta’ talba ghal ritrattazzjoni, ma jiccentra proprju xejn. Ghalhekk din ir-riferenza, fl-aghar ipotesi, hija semplicement *a red herring* intiza biss biex tkompli tikkomplika l-vertenza bla bzonn; jew, fl-ahjar ipotesi hija lanjanza, li jekk hemm fiha xi

fondament, trid tigi ventilata u mistharrga skont kif titlob il-procedura applikabbli f'kazi ta' din ix-xorta.

Mill-bqija, ma jirrizultax li kien hemm xi applikazzjoni hazina tal-ligi fuq il-bazi invokata mir-ritrattandi. Ghalhekk isegwi li dan l-ewwel aggravju qieghed jigi respint ghax huwa infondat.

**It-tieni motiv ta' ritrattazzjoni bbazat fuq l-Artikolu 811 (i) Kap. 12**

9. It-tieni aggravju huwa bbazat fuq l-Artikolu 811, subinciz (i) tal-Kap. 12, jigifieri "jekk fis-sentenza jkun hemm disposizzjonijiet kontra xulxin".

Din il-Qorti ezaminat dak li gie sottomess mir-ritrattandi taht dan is-subinciz u ma tasalx biex tifhem minimament kif huma jippretendu li ghandhom xi bazi ghal fini ta' ritrattazzjoni. Hu car daqs il-kristall, a differenza ta' dak li qalet b'riferenza ghad-dicitura ta' dan fis-subinciz (e) tal-Art. 811, li fis-subinciz (i) id-disposizzjonijiet kontra xulxin ghandhom jirrizultaw fid-dispozittiv tas-sentenza u mhux allura fil-konsiderazzjonijiet li jkun hemm fis-sentenza bhala motivazzjoni. Fis-sentenza impunjata ma jirrizulta xejn minn dan. B'daqshekk lanqas qieghed jinghad li fil-konsiderazzjonijiet taghha l-ewwel Qorti inkorriet f'argumenti kontradittorji – li *se mai* huma ilment fil-mertu li jezorbita mill-ezami preliminari u jrid isir *in rescissorio*, jekk ikun il-kaz.

Il-Qorti tal-Appell, bhal dik ta' qabilha, ikkonkludiet li l-Bank konvenut kien marbut li jhallas pensjoni lil min kien intitolat ghaliha. Darba li l-ftehim dwar pensjoni kellu jintemm b'dak li sehh fil-qasam tas-sigurta` socjali, il-Bank kellu jasal fi ftehim ma' dawk il-persuni li baqghu taht l-iskema. Ir-ritrattandi ghandhom kull dritt li ma jaqblux mal-mod ta' kif il-Qorti tal-Appell interpretat il-fatti u l-provi li kellha quddiemha, imma dan la jfisser necessarjament li hemm xi kontradittorjeta` ta' hsieb, u certament ma jistax jinghad li dan kien jammonta ghal "dispozizzjonijiet kontra xulxin" fis-sentenza emessa. L-infondatezza ta' dan it-

tieni aggravju hija talment lampanti li jkun superfluwu ghal dan il-Qorti li tiddilunga aktar dwaru.

Ghall-ennezima darba din il-Qorti ttenni l-principju li ghandu jirregola procedura b’talba ghal ritrattazzjoni, bhax-xorta in ezami, jigifieri dik li ma jistax jigi permess li, taht il-pretest tar-ritrattazzjoni, il-litigant sokkombent jerga’ jiftah il-kawza, u b’hekk jigi indirettament kreat tribunal tat-tielet istanza (hekk ara s-sentenza fl-ismijiet **Rev. Sac. Gpe. Aquilina v. Francesco Aquilina**, Qorti tal-Appell, 18 ta’ April 1958). Ghalhekk dan it-tieni aggravju qieghed ukoll jigi respint.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad it-talba tal-atturi ritrattandi ghar-revoka tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell fit-18 ta’ Settembru 2009 u konsegwentement tichad ukoll it-talba ghar-ritrattazzjoni tal-kawza, kif mitlub mir-ritrattandi, bl-ispejjez kollha relattivi kontra l-istess ritrattandi *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------